MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Carmel Farrugia, iben
Giulio, imwieled Mqabba
fl-14 ta' lulju, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-11 ta' mejju, 2003 għal ħabta tas-2.00 p.m. fi Triq it-Trunċiera, Qawra –
1. saq jeep tal-għamla 'Mitsubishi Pajero', bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ 909, b'manjiera perikoluża u b'manjiera traskurata bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku;
2. volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u\jew bil-ġlied;
3. attakka u\jew għamel reżistenza bi vjolenza u\jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Warden G262, Marco Zammit, persuna nkarigata skond il-

liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi;
4. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-ħamsin liri maltin (Lm50);
5. ħebb għall-Warden G262, Marco Zammit, u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skond kif iċċertifika Dr. J. Schembri M.D. mill-poliklinka tal-Mosta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Marco Zammit bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' ġunju, 2003 fejn Marco Zammit informa l-Qorti li
l-ġrieħi li ġarrab kienu ta' natura ħafifa u li l-imputat ħallas id-danni kollha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 96, 221(1), 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u ir-Regolamenti tat-Traffiku u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Fil-każ in eżami mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------